MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 24/2012

**MANUELA CAMILLERI**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tal-21 ta' Novembru 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru eżamina l-email tal-Onor ML Coleiro Preca fejn spjegat iċ-ċirkostanzi tal-appellanti u saret ukoll riferenza għat-tifla ż-żgħira li tagħha ingħata l-indirizz tal-missier naturali tagħha.*

*Il-każ ġie trattat.*

*L-Arbitru hu tal-fehma li d-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Jannar 2012 kif ukoll id-deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2012 ma kienux ġustifikati u għalhekk dan l-appell għandu jiġi milqugħ"*

Illi minn din is-sentenza appella id-Direttur tas-Sigurtà Soċjal bl-aggravju illi minn eżami tad-deċiżjoni appellata jirriżulta illi l-Arbitru laqa' l-appell mingħajr motivazzjoni adegwata u mingħajr ma għamel ebda sforz diliġenti sabiex jeżamina akkuratament il-provi dokumentali. Illi fit-tieni aggravju l-appellanti Direttur tas-Sigurta Soċjali jilmenta illi l-Arbitru naqas milli japprezza l-fatti kif ippreżentati fir-rapport investigattiv tal-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjoni u minflok iddeċieda li joqgħod fuq is-sottomissjonijiet mibgħuta b'email mir-rappreżentanta tal-appellata

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti istruttorji huma s-segwenti

Illi permezz ta' żewġ ittri datati 31 ta' Jannar 2012 u 1 ta' Frar 2012, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali informa lill-appellata Manuela Camilleri bid-deċiżjoni tiegħu li hija kienet tħallset iżżejjed is-somma ta' €17939.60 c f'għajnuna soċjali u li ma għadhiex intitolata għal din l-Għajnuna għaliex id-Dipartiment ma kienx sodisfatt li hija qiegħda tifforma familja għal rasha u/jew li qed tabita fl-indirizz mogħti minnha.

Illi l-appellata Manuela Camilleri ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u appellat permezz ta' ittra datata 20 ta' Frar 2012. Illi l-Arbitru fid-decizjoni tieghu ghadda sabiex laqa' dan l-appell u dana minghajr ma jipprovdi l-ebda mottiv ghal tali decizjoni.

***"Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ippronunzjat ruhha b'mod kopjuz ghar-rigward ta' dan il-gravam billi jigi spiss ilmentat illi id-decizjonijiet moghtija mit-tribunali bhal ma' hu dak in dizamina ma jkunux sufficjentement immotivati u ma jaghtux ir-raguni li wassal lil gudikant ghad-decizjoni tieghu[1]."***

Illi fis-sentenza **Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali[2]** gie deciz in materia: **"*… ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet*"*Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009*. *Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju, 2010".***

Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. **"*Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom*"** ("**Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell 13 ta' Lulju 2001**).

[1] Borg George Vs Direttur Tas-Sigurta` Socjali, Appell Nru 4.2014, App Inf, 29/04/2015

[2] **Appell Nru 6.2010 App.Inf. 06/10/2010**

"***Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu. Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet" - Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009; Dan kollu qieghed jigi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-decizjoni appellata de quo, wiehed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem taghhom, l-elementi ta' prova ta' naha u ta' ohra qabel ma finalment iqieghed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-ratio decidendi.***"

Fis-sentenza appellata din il-Qorti tistenna illi anke jekk fil-qosor, kellha tingħata ir-raguni il-ghala l-Arbitru kien qieghed jirrevoka d-decizjonijiet tad-Direttur. Jiġi osservat illi d-decizjoni tal-Arbitru *sic et simpliciter* tghid hekk:

***"L-Arbitru hu tal-fehma li d-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Jannar 2012 kif ukoll id-deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2012 ma kienux ġustifikati u għalhekk dan l-appell għandu jiġi milqugħ."***

Kif intqal aktar 'l fuq, kull sentenza tirrikjedi motivazzjoni, anke jekk mhux elaborata. Pero motivazzjoni tas-sentenza għandu dejjem jkun hemm. Is-sentenza appellata indubbjament hija nieqsa minn motivazzjoni li tfassal ir-raguni li wasslet lill-Arbitru sabiex jiddeciedi illi d-deċiżjonijiet tad-Direttur ma kienux ġustifikati. Kull ma jgħid l-Arbitru huwa illi huwa eżamina l-*email* tal-Onor ML Coleiro Preca, pero jingħad illi b'dan ma jfissirx illi huwa qiegħed

jispjega x'kienet il-motivazzjoni tas-sentenza tiegħu jew li l-*email* kienet il-motivazzjoni tas-sentenza tiegħu.

Mis-sentenza appellata, in vista tan-nuqqas ta' motivazzjoni tagħha, ma tistax tigi individwata r-raguni li fuqha giet ibbazata d-decizjoni. Dan ifisser illi din il-Qorti tibqa' rinfaċċjata bis-sitwazzjoni illi hija ma tistax tippercepixxi sew il-ghala l-Arbitru iddeċieda l-każ kif fil-fatt huwa għamel. Lanqas ma tista' taghmel valutazzjoni u analiżi tal-konvinzjoni raggunta mill-Arbitru, fid-dawl tal-istess.

Jingħad ukoll illi għal dawn ir-raġunijiet, din is-sentenza appellata twassal ukoll ghal nuqqas ta' osservanza ta' dak dispost fl**-artikolu 218 tal-Kapitolu 12** illi jistipula:

***"Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut."***

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa' l-aggravju tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------